MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru. 739/2001

PULIZIJA
SPETTUR MARTHESE MICALLEF
VS
SILVIO PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Silvio Pace (Saviour) iben Joseph u Victoria nee' Pisani mwieled Pieta' fil-21/11/68 u joqghod Flat 5, Bini tal-Gvern Blokk J, Hamrun I.D. card 477468(M) talli fit-2/12/2001 ghal habta ta' 05.45pm gewwa Flat 5, Bini tal-Gvern Blokk J, il-Hamrun ninghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Loreto Bonello (f'ghonqu) bi strument li jaqta' jew inigges u dan bi ksur ta' ligi ta' l-artikli 216 u 217 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded jew ingurja lil Loreto Bonello;

B'hekk sar recidiv ghat-terminu ta' l-artiklu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16/3/99, 2/10/98, 13/1/2000 (Malta) li saru defenittivi;

U aktar talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza li giet moghtija lilu fid-29/1/2001 u 2/10/98;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-
Illi mix-xhieda tal-ufficcjal prosekutur Spettur Micallef jirrizulta li l-Pulizija kienu gew informati b'incident li sehh fir-residenza tal-imputat Pace f'data, lok u hin citat fl-akkuza.

Illi in fatti rrizulta li certu Loreto Bonello kien acceda lejn id-dar tal-imputat u beda jhabbat fuq il-bieb ta' barra tal-imputat Pace, sahansitra qabad balavostra tal-injam u beda jkisser il-bieb biha ghax ppretenda illi wahda mil-ghaxar ulied ta' Silvio Pace kienet in effett tieghu, cioe' ta' Loreto Bonello.

Illi Silvio Pace kien fetah il-bieb u gew fl-idejn Pace u Bonello. Kienet giet uzata arma f'dan l-incident – cioe' mus – u jirrizulta li Bonello garrab ferita f'ghonqu liema ferita kienet hafifa – "slight saving complication" (ara fol 38 MM1).

Spettur Micallef xehdet illi peress li l-gerha kienet fl-ghonq "awtomatikament ghal ligi tigi gravi".

Aktar tard fit-testimonjanza taghha Spettur Micallef xehdet illi kien rrizultalha li Loreto Bonello ma kienx gie aggredit b'mus. Spettur Micallef xehdet li Loreto Bonello qalilha li l-imputat kien hareg warajh fit-triq u rega nqala ncident iehor fit-triq u giet kkontrollata mill-Pulizija.

Giet esebita stqarrija ta' l-imputat MM3 u zewg sentenzi MM4 u MM5.

Loerto Bonello a fol 46 et segwenti, xehed illi:
"Dak mort inhabbat jien, biex nara t-tifla. Ghandi t-tifla mill-mara tieghu. Mort inhabbat biex nara t-tifla".
Ghalhekk kien mar ihabbat fir-residenza tal-imputat Pace f'liema dar joqoghdu l-imputat, martu u ghaxart itfal.

Loreto Bonello xehed illi hu beda jhabbat u fethitlu Lisa Pace (mart l-imputat), talabha sabiex jkun jista' jara lil bintu, irrifjutat u ghalqitlu l-bieb.

Bonello xehed illi hu baqa jhabbat il-bieb u mbahgad fetah il-bieb l-imputat, beda joffentih u tah daqqa ta' sikkina fuq il-parti ta' wara ta' ghonqu. Loreto Bonello xehed illi huwa wara dan telaq jigri, qabad balavostra tat-tarag biex jiddefendi ruhu waqt li l-imputat baqa jigri warajh san-nizla.

Loreto Bonello xehed illi hemmhekk intervjenew il-Pulizija. Bonello xehed illi huwa xorta wahda rnexxielu jizgicca u telaq jigri sabiex jara t-tarbija u "mort u rajt it-tifla" fil-flat ta' l-imputat Pace/ Bonello xehed illi mbaghad giet l-ambulanza u Pace rega' hebb ghalih u tajjarlu sinna ta' quddiem.

In kontro ezami Loreto Bonello xehed illi huwa kien ga dahal f'dar Pace u sawtu f'incident precendenti u recenti. Bonello stqarr li f'dan l-incident huwa kien ammetta quddiem il-Qorti f'procedura ohra.

Bonello xehed illi huwa beda jaghti fuq il-bieb b'irkopptu u li l-bieb kellu sinjali tad-daqqiet tal-incident precedenti. Bonello sostna li huwa ma faqghux il-bieb bit-tisbit tieghu stess u kien l-imputat Pace li fethu.

Bonello ammetta illi ghalkemm kien iffirma garanzija biex ma jersaqx lejn ir-residenza ta' Pace, xehed illi sussegwentement huwa u Lisa Pace kienu lahqu ftehim bejniethom u Bonello beda jara lill-minuri u jmantniha.

PS 1330 Alexander Schembri xehed illi kien baghat lil PC 1254, PC794 fuq rapport ta' glied u l-Pulizija kienu arrestaw lil Silvio Pace u gabuh l-ghassa waqt li PC 794 kien mar bl-ambulanza ma Loreto Bonello l-isptar.

Silvio Pace qallu li Bonello kien faqaghlu l-bieb, dahal gewwa b'balavostra f'idu u li kienu gew fl-idejn pero' nnega li ta lil Bonello b'istrument.

PS 1330 kkonferma li l-bieb ta' Pace kien sfrundat avolja Bonello baqa jishaq li kien Pace li hareg ghalih. PC 1578 Mamo a fol 65 et saq kkonferma li l-bieb ta' barra ta' Pace kien sfrundat bis-serratura mal-art u l-bieb mkisser u b'marki ta' sieq fuq il-bieb. Ikkonferma wkoll illi kien hemm tifrik fuq il-parti ta' gewwa tal-flat.

PC794 Gilbert Lio xehed a fol 67 illi xehed li hu sab lil Bonello u Pace jaghtu bl-idejn izda ma semax kliem oxxen jew dagha. PC Lio xehed li huwa gibed lil Pace waqt li kollega tieghu zamm lil Bonello. Ikkonferma li ra d-dmija fuq il-persuna ta' Bonello.

PC1017 Joseph Sammut ikkonferma il-presenza tieghu fit-tehid tal-istqarrija ta' Pace.

PC 125 Louis Spiteri kkonferma li huwa sab lil Pace u Bonello jaghtu bl-idejn waqt li l-ambulanza kienet ga waslet. PC 125 firidhom u akkompanja lil Bonello l-isptar. PC125 kkonferma li l-bieb ta' Pace kien mifqugh u li Pace qallu li Bonello ghamel ghalih b'injama.

Dr Zammit a fol 76 kkonferma c-certifikat tieghu, il-griehi ta’ Bonello u li dawn ikklassifikati bhala ta’ natura hafifa. Dr Basam Shamala a fol 81 et seg kkonferma li kien ra lil Loreto Bonello minhabba head injury, kien zammu ghal osservazzjoni ghal gurnata u rrilaxxawh.

L-imputat xehed a fol 94 illi Bonello wara li gie sentenzjat u marbut b’garanzija li ma jersaqx lejn il-fond tieghu, Bonello kiser il-garanzija, mar jsabbat mal-bieb, offendieh, kisirlu il-bieb, dahal go daru u sawtu. Min hemm hareg jigri, Pace segwieh u gew il-pulizija.

L-imputat Pace xehed illi Bonello beda jghidlu li it-tifla z-zghira ta’ sentejn kienet tieghu u ried jaraha. Fil-mument li gara il-kaz, fid-dar tal-imputat kien hemm tminn mill-ghaxart itfal tieghu u l-mara tal-imputat.

L-imputat xehed illi Bonello dam hafna ihabbat mal-bieb u joffendieh u jistiednu ghal glied fost hafna dagha u li ghalhekk il-mara tieghu cemplet ghall-assistenza tal-pulizija pero ma rnexxieliex imbaghad il-gara cemplitilhom.

Mitlub jghid kif weggha Loreto Bonello (fol 98) l-imputat stqarr illi huwa ma kellux sikkina f’idejh izda kellu mazz cwievet, li kien uzahhom biex isakkar il-bieb minn gewwa b’sforz sabiex ma jigiex sgassat pero il-bieb xorta wahda gie sgassat.

L-imputat sostna li Loreto Bonello hebb ghalih u sawtu permezz ta’ balavostra tal-injam u minkejja il-presenza tal-pulizija, Bonello xorta rnexxielu jerga jeccedi ghal flat tieghu.

Mistoqsi ghalfejn regghu tqabdu flimkien l-imputat stqarr:-
“L-ewwel nett gie ghalija, kissirli l-bieb, dahal go dari, werwirli it-tfal u indanna lili wkoll” infatti jghid “kont irrabjat hafna”. (fol 101)

Liza Pace a fol 107 xhedet illi hija separata minn ma zewgha. Stqarret illi miz-zwieg ma zewgha l-imputat, ghandhom ghaxart itfal. Xehdet illi dakinhar tal-incident,

hija kienet qed tahsel lit-tfal meta semghet tisbit mal-bieb. Rat lil Silvio jqum jiftah il-bieb u semghet hafna storbju u it-tfal bdew jghajtu u jwerzqu: “naf li hin minnhom, Silvio mar gol-kcina ma nafx x’ha, hareg barra u rajt demm.” (fol 108)

Xhedet illi Loreto Bonello kieent il-persuna li kienet wara il-bieb u li beda jghid li kellu tifla minn tieghu u li ried jaraha.

Liza Pace xhedet illi ghaldaqstant zewgha kien rrabja hafna.

Mistoqsija dwar il-bieb, Liza Pace a fol 109 tghid:-
“Fetah Silvio imbaghad wara li kwazi Loreto kisser il-bieb.”

Mistoqsija kellux xi haga f’idejh Bonello, Liza Pace qalet li “kellu bicca injama kbira.” Ix-xhud kompliet tghid illi rat id-dmija ma ghonq Loreto, u semghet lil Bonello jheddidhom bil-kliem: “ ghax noqtolkom, irrid nara it-tifla, minn hemm u minn hawn nehodha u hafna affarijiet minn dawn.” Pace tghid li l-imputat ma kellux lil Loreto Bonello pero deher rrabjat.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti li jirrizultaw mat-testimonjanza f’dan il-kaz, jidher evidenti li trid tigi ezaminata bir-reqqa l-linja difensjonali li giet sollevata fit-trattazzjoni u cioe dik ta’ legittima difiza.

Il-fatti inkontestati huwa li Silvio u Liza Pace kienu koppja mizzewga b’ghaxart itfal, illi l-imputat gie rinfaccat bil-fatt li it-tifla zghira Shannaya ta’ sentejn kienet wild relazzjoni extra martali bejn martu u Loreto Bonello, li dan Loreto Bonello bil-forza u vjolenza acceda ghal fond tal-imputat li kien rieqed ghall-affari tieghu, qabad balavostra tal-injam u kisser il-bieb fost ghajjat, li it-tifla kienet tieghu, li ried jaraha u li kien jehodha.

Illi huwa difficli ferm li ssib sett ta’ cirkostanzi aktar esplossivi minn dawk fuq indikati, cirkostanzi li kienu

jipperikolaw l-hajja u is-sahha tal-imputat u tat-tifla li sa dakinhar kien jemmen li kienet tieghu, u li kien rabbieha bhala tieghu.

Illi l-Art 223 tal-kap 9 jiddeponi:-
“no offence is committed when a homicide or a bodily harm is ordered or permitted by law or by a lawful authority or is imposed by actual necessity either in lawful self defence or in the lawful defence of another person.”

Li bniedem bi ksur ta’ garanzija mahruga minn Qorti kompetenti, jfarrak bieb b’balavostra, jattakka il-missier ta’ dik il-familja u jheddidha bit-tnehhija tal-izghar membru taghha, hija materja li timminacja l-ahhar sens primittiv ta’ ragel ta’ familja u dana il-ghaliex kap ta’ familja ma jsibx ruhu b’theddida fuq il-persuna tieghu biss, izda b’theddida fuq l-ghezez haga li titlob il-protezzjoni tieghu u cioe l-wild teneru.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma tarax illi ghandha tidhol f’ezami ulterjuri dwar difiza ta’ provokazzjoni jew difiza ta’ lawful defence a tenur tal-Art 224, gia la darba tqies illi l-imputat agixxa in legittima difesa tieghu innifsu u b’mod specjali ghal bintu Shannaya li kienet mhedda bit-tehid sfurzat da parti ta’ Loreto Bonello.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------